MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Numru. 1029/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**Sandro Mifsud u Stephen Stellini**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet datati 22 t`Ottubru, 2014 fil-konfront ta` Sandro Mifsud, ta' 41 sena, iben Michael u Maria nee Azzopardi, imwieled il-Pieta u residenti San Pawl u li għandu l-karta tal-identita bin-numri 199673(M) kif ukoll lil Stephen Stellini, ta' 33 sena, iben

George u Maria Dolores nee Felice, imwieled il-Pieta u residenti Ħal-Qormi u li għandu l-karta tal-identita numri 560880(M) u li ġew mixlija talli flimkien nhar il-21 t'Ottubru 2014 u fil-ġranet qabel din id-data, ġewwa dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

(a) talli nhar l-14 t'Ottubru 2014 għall-ħabta ta' 21:30 fil-Gżira ikkommettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Valentina Nikitina liema serq huwa aggravat bil-ħin;
(b) talli nhar id-19 t'Ottubru 2014 għall-ħabta ta' 19:00 fil-Blata l-Bajda, limiti tal-Ħamrun, ikkommettew serqa ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Mihret Zeray Gebreslassie, liema serq huwa aggravat bil-ħin;
(c) talli nhar l-20 t'Ottubru 2014 għall-ħabta ta' 21:30 fil-Gżira, ikkommettew serq ta' mobile phone minn fuq il-persuna ta' Joseph Julian Pace, liema serq huwa aggravat bil-ħin;
(d) talli nhar l-20 t'Ottubru 2014 għall-ħabta ta' 21:45 fl-Imsida, ikkommettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Janice Mifsud, liema serq huwa aggravat bil-ħin;
(e) talli nhar il-21 t'Ottubru 2014 għall-ħabta ta' 12:40 f'Ħal-Qormi ikkommettew serq ta' handbag għal-valur ta' €190 minn fuq il-persuna ta' Elva Zemite;
(f) kif ukoll talli irrendew ruħhom reċidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
(g) Sandro Mifsud waħdu mixli wkoll talli kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation għal żmien sentejn mogħtija lilu Mill-Maġistrat Dottor Natasha Galea Sciberras nhar l-4 ta' Frar 2014;
(h) Kif ukoll talli Sandro Mifsud f'dawn il-Gżejjer u tul dawn l-aħħar ġimgħat naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet impost fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati u li fih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet bid-digriet mogħti mill-Maġistrat Dottor Claire Stafrace Zammit nhar is-27 t'April 2012 u dan bi

ksur tal-Artikolu 579(1) tal-Kodiċi Kriminali; il-Qorti ġiet mitluba wkoll li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest lil Sandro Mifsud kif ukoll tordna li s-somma ffissata fl-ammont globali ta' €20,250 (€250 depożitu effettiv u €20,000 garanzija personali) jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta skont l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament filwaqt li kkonferma li kien qiegħed jirtira l-addebitu tar-reċidiva skont l-artikoli 49 u 50 fil-konfront tal-imputat Stephen Stellini.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputati ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputati, debitament assistiti, tennew li m'humiex ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Rat pero li matul is-seduta tas-7 ta' Novembru 2014 l-imputati iddikjaraw li kienu ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi li jitnisslu minn din id-dikjarazzjoni ta' ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom u tagħthom żmien qasir sabiex jekk iridu, jerġgħu lura mill-ammissjoni ta' ħtija tagħhom.

Il-Qorti rat li wara li tagħtom żmien sabiex jerġgħu lura mill-istess stqarrija ta' ħtija, matul is-seduta tas-17 ta' Novembru 2014 reġgħu tennew li huma ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom.

Il-Qorti ai termini tal-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, fid-dawl tal-istqarrija imtennija ta' ħtija da parti tal-imputati u stante li hija issa ex lege kompetenti sabiex tipproċedi bis-smiegħ tal-kawża fil-meritu ikkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u kompliet għaddejja bis-smiegħ tal-kawża.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' ħtija imtennija da parti tal-imputati din il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Rat ukoll l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti ppreżentati mill-Uffiċjal Prosekutur;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward tal-piena li għandha tiġi inflitta f'dan il-każ fejn il-Prosekuzzjoni u l-Avukat Difensur iddikjaraw li qablu li, f'każ li jkun hemm ammissjoni tal-imputazzjonijiet da parti tal-imputati din il-Qorti setgħet tikkkonsidra :

(a) kwantu għal Sandro Mifsud il-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sentejn millum;
(b) kwantu għal Stephen Stellini, il-piena ta' erba' u għoxrin xahar priġunerija li pero ikunu sospiżi għal perjodu ta' erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali; b'ordni wkoll li l-istess imputat isegwi programm għar-rijabilitazzjoni kontra l-abbuż tad-droga.

Il-Qorti rat il-fedina penali taż-żewġt imputati fejn jidher biċ-ċar li dik ta' Sandro Mifsud ma hija xejn sabiħa, filwaqt li dik ta' Stephen Stellini, għalkemm mhix netta, pero turi li huwa xellef idejh mal-Ġustizzja fl-1997 u fl-2005 u li minn dak iż-żmien lil hawn ma kienx hemm kundanni

oħra kontrih – u dan b'kuntrast qawwi għal dik il-fedina penali tal-imputat Mifsud li b'xorti ħażina turi diversi kundanni ta' priġunerija effettiva u li minn dawn il-kundanni kollha Mifsud ma tgħallimx joħroġ mill-ħajja ta' kriminalita.

Il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ huwa leġittimu li f'dan il-każ tilqa s-suġġeriment dwar il-piena li għandha tiġi inflitta kif trattata quddiemha u maqbula bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiża.

***<u>GĦALDAQSTANT</u>***

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 261(c)(f), 267, 270, 279(a), 281(a), 284, 285, 289 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lil Sandro Mifsud u lil Stephen Stellini, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tagħhom stess, ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontihom u tikkundannahom : -

**(a) <u>kwantu għal Sandro Mifsud :</u>**

**(i)** għall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba u l-ħames imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, inkluż bl-addebitu tar-reċidiva imsemmi fis-sitt imputazzjoni, għall-piena ta' **<u>dsatax il-xahar priġunerija effettivi;</u>**

**(ii)** għas-seba' imputazzjoni a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation mogħti lilu permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-4 ta' Frar 2014 u għalhekk qegħda tittratta mal-ħati għall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien impoggi taħt l-ordni tal-probation daqs li kieku għadu kemm ġiet dikjarat ħati minn jew quddiem din il-Qorti għal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li għal kull buon fini

tikkonfermah ħati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tħassar l-ordni tal-probation magħmul bis-sentenza imsemmija u wara li rat l-Artikoli 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 18 u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-imsemmi Sandro Mifsud għal-perjodu ulterjuri ta' **xahrejn (2) priġunerija effettivi**.

(iii) għat-tminn u d-disa' imputazzjonijiet filwaqt li tirrevoka l-għoti tal-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti nhar is-27 t'April 2012, tikkundannah għall-piena ta' **tliet (3) xhur priġunerija effettivi**; inoltre qegħda teżerċita d-diskrezzjoni tagħha billi tiddikjara li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija **ma jiġix** konfiskat favur il-Gvern ta' Malta;

Għall-fini ta' kjarezza qiegħed jiġi dikjarat li l-ammont komplessiv ta' priġunerija effettiva li l-ħati Sandro Mifsud ġie kundannat għalihom bis-saħħa ta' din is-sentenza hija ta' **erbgħa u għoxrin xahar**.

(b) **kwantu għal Stephen Stellini**, il-Qorti qegħda tikkundannah għall-piena ta' **erbgħa u għoxrin xahar priġunerija**; iżda wara li rat l-Artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali tordna sabiex din is-sentenza ta' priġunerija ma tiġix fis-seħħ **ħlief jekk fi żmien erba' snin millum jikkommetti reat ieħor** li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-Artikolu 28B li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ;

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali spjegat lil-ħati Stellini bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28Ġ(1) tal-Kodiċi Kriminali, b'żieda mal-piena inflitta aktar il-fuq qegħda tqiegħed lill-ħati Stephen Stellini

taħt ordni ta' superviżjoni f'sentenza sospiża li permezz tagħha l-istess ħati qiegħed jitqiegħed taħt ordni ta' superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għal perjodu ta' tliet snin millum u dan skont it-termini tad-digriet li qiegħed jiġi mogħti flimkien ma din is-sentenza u li għandu jitqies bħala parti integrali minnha.

Ai termini tal-Artikolu 28Ġ(8) il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn tali ordni u l-effetti tal-istess.

Oltre minn hekk, peress li ex admissis l-istess ħati Stephen Stellini għandu problema ta' abbuż minn sustanzi stupefaċenti, din il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, qegħda tqegħdu taħt ordni ta' trattament intiż sabiex huwa jieħu l-kura kollha meħtieġa u li jagħmel dawk il-programmi ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tal-abbuż tad-droga li jkunu indikati għalih u li jkunu hekk ordnati lilu mill-uffiċjal sorveljanti.

Ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, il-Qorti fissret lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' trattament kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni u ta' trattament mogħti bid-Digrieti ta' llum stess għandhom jiġu

trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati.

L-Ufficjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

***Mogħtija illum, is-17 ta' Novembru 2014 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------